Verżjoni: **1.0**
Data: **3 ta' Diċembru 2021**
Awtorita': **Prinċipal, IPS**

ISTITUT GĦAS-SERVIZZI PUBBLIĊI

# Regoli għall-Parteċipanti fil-programmi u korsijiet ta' taħriġ offruti mill-IPS[1]

1. Dawn ir-regoli għandhom bħala għan ewlieni li jelenkaw b'mod formali l-obbligi u responsabbiltajiet tal-Uffiċjali Pubbliċi ta' kull grad li jkun qed japplika, jiġi nominat u jattendi għall-programmi u korsijiet ta' taħriġ offruti mill-Istitut tas-Servizzi Pubbliċi (IPS) li hi l-akkademja responsabbli li sservi għall-ħtiġijiet tat-taħriġ u żvilupp tas-Servizz Pubbiku ta' Malta.

2. Il-parteċipazzjoni f'programmi ta' taħriġ u żvilupp fl-IPS hija esperjenza inklussiva li tinvolvi mhux biss l-imjegat iżda wkoll is-superjuri tiegħu jew tagħha. Għaldaqstant, apparti mir-responsabbiltajiet tal-Uffiċjali Pubbliċi li jkunu magħżula biex jipparteċipaw għal taħriġ mal-IPS, dawn ir-regolamenti jorbtu wkoll lit-tmexxija tal-entita' jew ministeru li tkun innominat għal kors ta' taħriġ l-imsemmija Uffiċjali Pubbliċi.

3. Kull parteċipant (sa skala 6) għal programm jew kors ta' taħriġ offrut mill-IPS għandu jkun approvat biex jattendi mis-superjur tiegħu jew tagħha qabel ma' japplika jew jiġi nominat u dan hu kif provdut f'Annex I tad-Direttiva 8.1[2]. Min qed jinnomina lill-Parteċipant huwa responsabbli li jgħarraf lill-Parteċipant b'tali nomina.

4. Il-parteċipazzjoni għat-taħriġ hu kkunsidrat bħala impenn sod minn naħa kemm tal-Uffiċjali Pubbliċi iżda wkoll tas-superjuri tagħhom. Malli l-IPS tikkonferma r-reġistrazzjoni tagħhom, l-Uffiċjali Pubbliċi huma f'obbligu li jonoraw l-impenn tagħhom u l-parteċipazzjoni tagħhom għat-taħriġ issir obbligatorja kemm jekk ikunu applikaw direttament huma jew jekk ġew nominati għall-programm jew kors.

5. Il-parteċipazzjoni għall-korsijiet offruti mill-IPS tinvolvi aderenza mal-istandards ta' imġieba u kondotta li kull Uffiċjal Pubbliku hu obbligat li jsegwi fil-qadi ta'dmirijietu u, għaldaqstant, kwalunkwe ksur ta' dawn l-obbligi jistgħu jwasslu għal konsegwenzi skond il-proċedura stabbilita.

6. Jekk Uffiċjal Pubbliku ma jikkonfermax l-attendenza tiegħu għal kors jew programm ladarba jiġi kkuntattjat mill-IPS, jew jonqos milli jattendi fid-data assenjata mingħajr raġuni ġustifikata, allura l-IPS jista' jikkunsidra lil dan l-uffiċjal li ma jkunx aktar interessat u jneħħi l-uffiċjal mil-lista ta' stennija.

7. Mal-konferma tar-reġistrazzjoni, il-parteċipanti tal-kors huma mistennija li jattendu skont l-iskeda tal-kors li għaliha applikaw u skond kif ġew mgħarrfa mill-IPS. L-attendenza għan-numru minimu stabbilit ta' sessjonijiet hija obbligatorja u n-nuqqas ta' attendenza jista' jirriżulta f'riferiment għas-superjuri tal-uffiċjal u t-terminazzjoni tal-parteċipazzjoni għall-kors.

8. Irrispettivament minn jekk is-sessjoni hijiex ipprovduta fil-klassi jew onlajn, il-parteċipant għandu jkun preżenti fil-ħin u għat-tul tas-sessjoni. Fi kwalunkwe każ, il-parteċipanti tal-kors għandhom joqogħdu attenti u ma jiġux distratti matul is-sessjoni. Fil-każ li s-sessjoni tiġi pprovduta onlajn, parteċipant li jonqos milli jixgħel il-kamera jirriżulta li dan jiġi mmarkat bħala assenti.

9. Fil-każ li parteċipant ma jkunx jista' jattendi minħabba raġuni serja u dokumentata, il-parteċipant għandu javża lill-IPS minn qabel bl-imejl billi jiddikjara r-raġuni għan-nuqqas ta' attendenza. L-iskedar mill-ġdid għal data alternattiva huwa soġġett għad-disponibbiltà u fid-diskrezzjoni tal-IPS. Jekk l-IPS ma tiġix infurmata minn qabel, il-parteċipant jitqies li m'għadux interessat li jlesti l-kors.

10. Mat-tlestija b'suċċess tat-taħriġ, il-parteċipanti jinħarġilhom ċertifikat f'format diġitali permezz tal-pjattaforma Blockcerts. Il-parteċipanti jiġu nnotifikati mill-IPS u jingħataw struzzjonijiet permezz ta' imejl dwar kif għandhom jipproċedu biex jirċievu ċ-ċertifikat diġitali.

---

[1] Dawn ir-regoli huma estratt mill-"Binding Standards governing Participation in IPS Courses and Programmes" li japplikaw għall-gradi kollha u għal kull tip ta' taħriġ offrut mill-IPS.

[2] Paġna 11 tal-Annex I tad-Direttiva 8.1 - https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Directive-8-1.pdf